**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0080/2022**

30.3.2022

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (test kodifikat)
(COM(2020)0739 – C9-0371/2020 – 2020/0329(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Manon Aubry

(Kodifikazzjoni – Artikolu 109 tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_COD_Codification

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI TAL-31 TA' MARZU 2021 ..........6

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI TAL-10 TA' MARZU 2022 ..........8

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........10

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........11

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (test kodifikat)**
**(COM(2020)0739 – C9-0371/2020 – 2020/0329(COD))**

**Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0739),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0371/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Jannar 2021[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi[2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 109 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0080/2022),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fl-opinjonijiet tiegħu tal-31 ta' Marzu 2021 u tal-10 ta' Marzu 2022;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

1 ĠU C 123, 9.4.2021, p. 80.

2 ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

**ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI TAL-31 TA' MARZU 2021**

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 31 Marzu 2021

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (test kodifikat)**
**COM(2020)739 final of 18.11.2020 – 2020/0329(COD)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi, u b'mod partikulari l-punt 4 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2020 u fl-14 ta' Jannar 2021 kellu laqgħat iddedikati għall-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq, imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt l-eżami[1] tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill intenzjonata li tikkodifika d-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara, il-Grupp, bi qbil komuni, innota dan li ġej.
1. Fil-punt (d) tal-Artikolu 19, minflok il-kliem finali "b'lingwa/i komuni tax-xogħol", għandha terġa' tiddaħħal l-espressjoni "bil-lingwa(i) tax-xogħol komuni", li bħalissa tinsab fil-punt (d) tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2008/106/KE.
2. Fl-Artikolu 23(1), fil-verżjoni Ingliża, iż-żieda tal-artikolu "a" qabel il-kliem "valid dispensation" kellha tiġi identifikata bi vleġeġ tal-adattament.
3. Fl-Artikolu 29(2), ir-referenza għall-"Anness V" għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-"Anness III".

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża tal-proposta, il-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test eżaminat.

Dan l-eżami tal-proposta b'hekk wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta effettivament tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

| | | |
|---|---|---|
| F. DREXLER<br>Ġurikonsult | T. BLANCHET<br>Ġurikonsult | D. CALLEJA CRESPO<br>Direttur Ġenerali |

**ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI TAL-10 TA' MARZU 2022**

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 10 ta' Marzu 2022

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (test kodifikat)**
**COM(2020) 739 final of 18.11.2020 - 2020/0329 (COD)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi, u b'mod partikulari l-punt 4 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, magħmul mis-Servizzi Legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fit-2 ta' Diċembru 2021 kellu laqgħa, b'segwitu tal-laqgħat preċedenti tal-15 ta'Diċembru 2020 u tal-14 ta' Jannar 2021, iddedikata għall-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq, imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt l-eżami[2] tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill intenzjonata li tikkodifika d-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, bi qbil komuni, innota li minbarra l-punti 1, 2 u 3 tal-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tal-31 ta'Marzu 2021, adattament ulterjuri huwa wkoll meqjus xieraq fir-rigward tal-abbozz tat-test kodifikat.

Kif ġie ssuġġerit mir-rapporteur tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew, il-premessa 16 tad-Direttiva (UE) 2019/1159 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2008/106/KE dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara għandha tiddaħħal fil-preambolu għall-att kodifikat. Il-premessi li ġejjin għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid skont dan.

[2] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża tal-proposta, il-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test eżaminat.

Dan l-eżami tal-proposta b'hekk wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta effettivament tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

| | | |
|---|---|---|
| F. DREXLER<br>Ġurikonsult | T. BLANCHET<br>Ġurikonsult | D. CALLEJA CRESPO<br>Direttur Ġenerali |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni) |
| **Referenzi** | COM(2020)0739 – C9-0371/2020 – 2020/0329(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 18.11.2020 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>23.11.2020 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Manon Aubry<br>1.7.2021 |
| **Rapporteurs preċedenti** | Magdalena Adamowicz, Karen Melchior, Manon Aubry |
| **Data tal-adozzjoni** | 28.3.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, Manon Aubry, Gunnar Beck, Ilana Cicurel, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Ibán García Del Blanco, Jean-Paul Garraud, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Lara Wolters |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Patrick Breyer, Daniel Buda, Emil Radev, Yana Toom |
| **Data tat-tressiq** | 30.3.2022 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 23 | + |
|---|---|
| PPE | Pascal Arimont, Jiří Pospíšil, Emil Radev, Axel Voss, Marion Walsmann |
| S&D | Ibán García Del Blanco, Maria-Manuel Leitão-Marques, Franco Roberti, Tiemo Wölken, Lara Wolters |
| Renew | Ilana Cicurel, Pascal Durand, Yana Toom, Adrián Vázquez Lázara |
| ID | Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud, Gilles Lebreton |
| Verts/ALE | Patrick Breyer, Sergey Lagodinsky |
| ECR | Angel Dzhambazki, Raffaele Stancanelli |
| The Left | Manon Aubry |
| NI | Sabrina Pignedoli |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni